# L-ELEMENT ROMANTIKU F' "IL-JIEN U LILHINN MINNU"

**Joseph Vella**

### Il-Problema tal-Poeżija

*Il-Jien u Lilhinn Minnu* hi poeżija u mhux trattat filosofiku, jew ġustifikazzjoni teoloġika ta' l-eżistenza t'Alla. Lanqas ma hi tweġiba razzjonalment riġida għall-problema ta' l-eżistenza umana. Ma' dan kollu Dun Karm stess igħidilna f'"Erba' Kelmiet Qabel" li meta kitibha kien imqanqal mir-razzjonaliżmu ta' René Descartes u l-emozzjonaliżmu ta' Blaise Pascal. Għalih la l-wieħed u lanqas l-ieħor — maqtugħin minn xulxin — ma jistgħu jsolvu l-problemi ta' Lilhinn Minnu.

> "Il-bniedem għandu Moħħ u għandu Qalb. Bil-moħħ jifhem u jirraġuna; bil-qalb iħobb u jixtieq. Dawn iż-żewġ fakultajiet fil-bniedem huma bħaż-żewġ kefef fil-miżien; jekk ma jkunux mgħabbrin, ma jgħidulek qatt is-sewwa. Raġuni bla mħabba aktarx hi kiesħa, egoista, kburija; imħabba bla raġuni aktarx issibha mħeġġa żżejjed, għaġġilija, ħalja."

Ir-Razzjonaliżmu ta' René Descartes jixbaħ ħafna lil ta' l-ewwel; l-Emozzjoniliżmu ta' Blaise Pascal jixbaħ ħafna lil tat-tieni.

> "Bħal żewġ roti ta' karettun, dawn iż-żewġ qawwiet jeħtiġilhom iduru ndaqs, jimxu flimkien; jekk le, tiġrif, ksur u mewt ikun it-tmiem tagħhom."
>
> (*Erba' Kelmiet Qabel*)

Jew kif Dun Karm igħid fil-poeżija tiegħu:

> "Jista' qatt il-miżien jiddaqqas f'sikktu jekk keffa tkun mimlija u l-oħra fiergħa?"

Flimkien mar-razzjonaliżmu Cartesjan hawn Dun Karm jidher li qed jirrifjuta wkoll l-*intelligo ut credam* ta' Abelard, jiġifieri ma jaqbilx li l-bniedem bir-raġuni biss jasal biex jagħraf 'l Alla. Dun Karm igħid li l-Jien tar-raġuni irid ikun megħjun mill-"Emmna, il-*Credo ut intelligam* ta' Santu Wistin". Hekk ukoll igħid fil-poeżija:

> "Nemmen. Kelma qalila imma sabiħa:
> Ċaħda tal-Jien u l-akbar wetqa tiegħu."

Il-Fidi, irid igħid Dun Karm, tidher li tiċħad ir-Raġuni, iżda fil-fatt mhux biss ma tiċħadhiex imma twettaqha, jew aħjar "twieżen lir-Raġuni". Għalhekk Dun Karm jidher li qed iħaddan il-*Credo et intelligo* ta' San Tumas.

**Ir-Razzjonaliżmu ta' René Descartes (1596 — 1650)**

Filosfu u matematku kbir, René Descartes ħalla l-filosofija skolastika biex jibni oħra ġdida fuq metodu aktar preċiż u rigoruż bħal dak tal-matematika. Għalhekk qiegħed kollox — anke l-eżistenza t'Alla u dik personali — fid-dubju metodiku. Fl-1619 skopra l-eżistenza tiegħu nnifsu bl-affirmazzjoni *"je pense donc je suis"*. La qed naħseb u niddubita, allura neżisti. B'hekk il-primat Descartes jagħtih lir-raġuni umana, biex imbagħad jitlaq minnha u jiskopri l-eżistenza t'Alla u dik empirika. F'moħħu nduna li għandu l-kunċett ta' perfezzjoni. Dan il-kunċett, din l-idea, ma tistax teżisti f'moħħi, qal Descartes, li kieku ma jeżistix *Esseri Perfett* barra minni li jiġġustifika din l-idea. U dan l-esseri perfett hu Alla. Fil-fatt dan hu parti mill-Argument Ontoloġiku ta' Sant Anselmu. B'hekk Descartes deherlu li sab l-eżistenza t'Alla bir-raġuni umana biss. Din il-insistenza fuq ir-raġuni ħolqot ir-Razzjonaliżmu Cartesjan li sar popolari ħafna fl-Ewropa. Serva wkoll biex jinbena l-ideal tal-Klassiċiżmu, jiġifieri li r-Raġuni hi l-fakulta' infallibli li twassalna għall-Ġmiel, hekk kif fil-filosofija twassalna għall-Verità. Hemm xebh kbir bejn Descartes u Boileau.

**L-Intuwizzjoniżmu ta' Blaise Pascal (1623 — 1662)**

Bħal René Descartes, Blaise Pascal minn ċkunitu kellu ġibda kbira għall-Matematika. Iżda f'ħajtu ħadha ħafna kontra r-Razzjonaliżmu ta' Descartes. Daħal f'Port Royal, il-kunvent ta' Pariġi li kien magħruf għall-Ġanseniżmu fis-seklu sbatax, biex jagħti ħajtu lil Alla. Mis-sena 1656 sakemm miet ħalla l-ġlied teoloġiku, sar bniedem mistiku, u miet kattoliku. Fl-1670 ippubblikaw il-ħafna noti li ħalla taħt l-isem ta' *Pensées sur la Religion* fejn jiddistingwi bejn l-ispirtu razzjonali mill-ispirtu ta' l-intuwizzjoni. L-intuwizzjoniżmu ta' Pascal kien rejazzjoni kontra r-Razzjonaliżmu ta' Descartes li, bħalma għedt, kien popolari ħafna fi Franza. Pascal isostni li bir-Raġuni l-bniedem jista' jasal fl-eżistenza t'Alla, iżda ma jsirx jaf min hu Alla. Hekk igħid Pascal: "Ainsi on peut bien connaître qu'il y a un Dieu sans savoir ce qu'il est." Alla tagħna, ikompli Pascal, mhux Alla tal-filosfi, iżda Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb, Alla ta' Ġesù Kristu; Alla li juri ruħu lill-qalb tal-bniedem li jfittxu — il-grazzja t'Alla mogħtija lill-bniedem permezz ta' Kristu, il-Medjatur bejn Alla u l-Bniedem.

Pascal igħid ukoll li l-qalb għandha r-raġunijiet tagħha li l-moħħ ma jifhimx. Jew aħjar, il-moħħ jifhem ix-xjenza empirika iżda ma jista' qatt jifhem min hu Alla. Għalhekk il-veritajiet reliġjużi, Pascal ma jippruvahomx bir-raġuni iżda bil-qalb, bl-intuwizzjoni, b'din il-fakultà li tagħraf mingħajr rikors għar-raġuni silloġistika. Għal Pascal iċ-ċertezza ta' l-intuwizzjoni hi superjuri għaċ-ċertezza razzjonali, ġeometrika, xjentifika — ċertezza li ma tikkonvin-

ċix il-moħħ iżda tqanqal il-qalb. Jiġifieri r-Raġuni tilħaq il-quċċata tagħha meta tittraxxendi lilha nfisha bil-Fidi. Għalhekk l-intuwizzjoni Pascaljana hi aktar axxeżi milli dimostrazzjoni.

**Il-Jien**

Hassejt din il-ħtieġa li nagħti tagħrif fuq Descartes u Pascal għax mingħajru ma tistax tifhem il-problema ta' *Il-Jien u Lilhinn Minnu.* Infatti, Dun Karm jiftaħ il-Poeżija tiegħu b'affirmazzjoni li l-Moħħ (il-Jien, ir-Razzjonaliżmu Karteżjan) waħdu ma jasal qatt biex jifhem il-misteri umani, bħat-tbatija u l-mewt, u ħwejjeġ oħra lilhinn minn dan l-univers, bħalma hi l-eżistenza t'Alla.

"Ħsiebi (ir-Raġuni) bħal agħma: biex isib it-trejqa
itektek bil-għasluġ kull pass li jagħti;
jimxi qajl qajl u qatt ma jaf fejn wasal:
dalma kbira tostorlu l-Kif u l-Għala."

Il-versi ta' wara juru li l-ġmiel ta' l-Univers ma jagħtih *"ebda tweġiba".* Dun Karm iħoss bħal konflitt intellettwali ġo fih, għax jara li moħħu jista' jifhem ħafna ħwejjeġ fl-Univers iżda mhux kollox. Jista' jifhem biss il-*phenomena* iżda mhux in-*Noumena,* u għalhekk "jilbet", bħal jiddispra. Dun Karm igħid:

"Mela ma tiswa xejn il-Fehma."

għax ir-Raġuni umana hi biss "daħk u frugħa". Veru dan? Jidhirli li meta Dun Karm qabad il-problema tat-tbatija u l-mewt kien jaf li din kienet sa twasslu f'*Cul-de-Sac* intellettwali għax it- tbatija u l-mewt fihom infushom huma assurdi. Iżda dan ma jfissirx li r-Raġuni Umana ma tistax tasal għand Alla. Toroq,bħall-*Quinque Viae* ta' San Tumas u oħrajn, jistgħu jwassluna fl-affermazzjoni ta' l-eżistenza t'Alla bħala Esseri Etern li jista' kollox u jaf kollox, il-bidu u t-tmiem ta' kulma jeżisti, il-kawża-mhux-kawżata tal-Big Bang li minnha ħareġ l-Univers kontinġenti u aħna miegħu. Bħala wieħed li studja l-filosofija skolastika dan Dun Karm sata' għamlu, iżda m'għamlux. Baqa' mwaħħal mal-problema tat-tbatija u l-mewt umana li, bħalma għedt, ma tifhimhomx bir-raġuni biss. Hawn ir-Razzjonaliżmu ta' Descartes ma jwasslekx. Għalih trid il-Fidi, jew aħjar l-intuwizzjoni ta' Pascal.

Dun Karm daħħal dan l-element Pascaljan fil-poeżija tiegħu permezz ta' "Leħen moħbi" li qed iċanfru u jdawlu fl-istess ħin. Ifakkrek fil-*Leħen Irqiq* li sama' Iżaija wara t-tempesta. Dan il-leħen tal-intuwizzjoni jieħu dimensjoni tant kbira fil-qalb ta' Dun Karm li ċ-ċertezza tiegħu tissupera d-dubji razzjonali. Sewwa qal Pascal li l-intuwizzjoni ma tikkonvinċix il-moħħ iżda tqanqal il-qalb. Infatti hekk ġara f'Dun Karm; il-Fidi ġagħlitu jifhem li l-ogħla raġuni umana hi dik li tagħraf il-limitazzjoni tagħha vis-à-vis l-Infinit. Ir-Razzjonaliżmu wassal lil Dun Karm għal din l-affirmazzjoni:—

"Mhux bin il-għaqal
tibni biex tħott, tpinġi s-sabiħ u tħassru."

Iżda l-Intuwizzjoni tal-qalb wasslitu għal

"Mhux għaqli
tibki lill-qamħa u ma tifraħx bis-sbula."

Għal wieħed li jemmen, il-mewt mhix iżjed assurda, bħalma hi għal Jean-Paul Sartre, iżda għandha tifsira kbira bħalma jgħid Kierkegaard. It-tbatija umana tifhimha biss f'għaqda ma' dik ta' Kristu.

"Kulħadd imsallab, għaliex Kristu msallab."

Anke fl-attitudni tiegħu lejn Kristu bħala "Il-Medjatur", Dun Karm jieħu ħafna, forsi mingħajr ma jaf, minn Pascal, li jgħid li kull deiżmu li jwarrab lil Kristu jixbah lill-ateiżmu.

Il-ħin kollu tidher ċara fil-poeżija l-glieda spiritwali tal-protagonista, u naraw żvilupp psikoloġiku kontinwu li jibda bid-dubji kbar li jġiblu r-Razzjonaliżmu. Iżda Dun Karm ma jaċċettahx mill-ewwel id-dawl tal-Fidi. Iħossu għadu f'salib it-toroq.

"fejn tinferaq fi tnejn it-triq tal-Ħajja,
it-triq tal-Jien u t-triq ta' Lilhinn Minnu."

u ċ-ċpar jikber u ħarstu tiddennes u tagħma għal kollox.
Il-limitazzjoni intellettwali ġġagħlu jagħraf iċ-ċokon tiegħu — "ħassejtni ċkejken... quddiem kobor bla xtut." Jixtieq ilebbet fuq "iż-żiemel tad-deheb" tiegħu biex jinfed il-"ħitan tal-bronż" li qed jostrulu l-kobor tal-Univers. U jerġa' jaqa' fid-dubji u jsejjaħ "ħolma qarrieqa" dak il-ferħ artistiku li kien wiegħdu l-Ġmiel poetiku.

"Oh frugħa fiergħa
ta' ġid, ta' għerf, ta' kobor, u ta'......*Mħabba.*"

**Tweġiba Romantika**

Kellu jkun l-element romantiku tal-*Imħabba* lejn ommu li ressqu definittivament lejn Alla.

"U jien ħabbejtha
lil din ix-xwejħa fl-hena ta' tfuliti,
fil-milja tar-rġulija u *għadni nħobbha*
bil-qawwa kollha."

Hawn Dun Karm jiskopri li *"l-imħabba ma tmutx"* u jekk Alla li ħalaqha f'qalb il-bniedem jiċħdilha l-milja tagħha, "jiċħad lilu nnifsu, u mhux ħabib tas-

Sewwa." Dun Karm jara tifsira eterna f'din il-parabola tal-evoluzzjoni tal-Imħabba li titla' mill-elementi mingħajr ħajja (il-baħar ibus ix-xtajta), u tibqa' tielgħa 'l fuq fis-siġar u l-ward, l-annimali u l-bniedem. Iżda *l-Fantasija* tiegħu ma tiqafx hemm. Hi tara traġettorja ħierġa minn din "l-imħabba li tħaddan lin-Natura" biex tingħaqad ma' *l-Imħabba Perfetta* li hi Alla, il-Milja tal-imħabba umana. Tixbaħ ħafna din it-tifsira li jagħti Dun Karm tal-imħabba lit-tifsira li jagħti Teilhard de Chardin lit-traġettorja tal-parabola tal-Evoluzzjoni li għalih issib il-milja tagħha f'**Omega Point** li hu Alla.

Il-kelma *Fantasija* fil-vers

"u taħkem aktar minnha l-Fantasija"

u li twassal lil Dun Karm għand Alla, għandha ħafna *tifsira romantika:*— għax din il-Fantasija mhix xi ħolma mhux fundata, mhix xi invenzjoni, iżda vera *Immaġinazzjoni* fis-sens ta' Coleridge, Keats, u Conrad, jiġifieri mibnija fuq ir-realtà umana. Li jrid igħid Dun Karm hu dan: jista' qatt ikun li l-imħabba umana li ġie li tasal fil-perfezzjoni tagħha, bħal fil-każ ta' Patri Kolbe li ta ħajtu għal ħaddieħor, tispiċċa fil-qabar? Jista' jkun li l-imħabba hi illużjoni biss għalkemm forsi għal xi wħud hi illużjoni neċessarja? Jew l-imħabba umana għad tingħaqad ma' *Mħabba* akbar minnha li hi Alla nnifsu? Nara wkoll f'dil-Fantasija Dun Karmiana tal-imħabba bħal solidarjetà romantika — kważi fis-sens ta' Novalis u Schlermacher — li tgħaqqad l-imħabba tan-Natura ma' dik umana, ma' dik Divina — l-idea ta' l-imħabba t'Alla f'kollox.

Fis-sens filosofiku Dun Karm għandu raġun. Dawk il-fatti realistiċi umani, bħall-Ġmiel, l-Ordni, il-Ġustizzja, il-Moralità, il-Verità, l-Imħabba, li x-xjenza ma tistax tispjega iżda li jeżistu, jitolbu spjegazzjoni. u għal min jaf jarahom *sub specie aeternitatis*, għandhom tmiem etern, bħal ma sew igħid Keats:—

"A thing of beauty is a joy *for ever.*"

#### Il-Konverżjoni tal-Protagonista

Il-konverżjoni tal-protagonista mqanqla mid-dehra kbira tal-Imħabba tnissel fih umiltà li biha jagħraf l-iżball tas-suppervja tal-Jien bħala "Għadu tas-Sema" u jitlob maħfra. Din il-konverżjoni spiritwali ġġib fih bidla psikoloġika wkoll

"Qomt mill-art mibdul fi bniedem ieħor."

F'dan iż-żmien ta' Katharsis, ta' tisfija tar-ruħ, Dun Karm jibda jara ċar u jifhem:

"Issa qed nara u nifhem
nifhem kif il-werqa
għandha tidbiel, tisfar u fl-aħħar taqa'
biex tibqa' ħajja s-siġra."

Jara li kollox qiegħed f'postu u jieqaf jistaqsi għax jifhem li

"Int biss il-Bidu,
Int biss it-Temma......
fik biss il-Kif u l-Għala
ta' kulma sar, ta' kulma jsir ġo fija,
ta' li jiġri madwari."

Din hi konklużjoni spiritwalment leġittima għax il-mistiċi, wara li jinqatgħu mill-art permezz tal-axxeżi tal-intuwizzjoni jew kif isejħilha San Ġwann tas-Salib "il-lejl iswed tar-ruħ", jifhmu wisq aktar lil Alla mir-raġunar silloġistiku. Alla tagħhom mhux l-alla tal-filosfi, iżda *Persuna*, Imħabba, Qdusija, Rikkezza, Alpha u Omega ta' kollox. Hu jenfagħhom f'rivelazzjoni u mħabba divina. Il-ħajja mistika hi *Esperjenza* ta' għaqda m'Alla.
Fl-ittra tiegħu lill-Efesin, San Pawl jitlob "biex Alla ta' Ġesù Kristu jagħtikom l-għerf u r-rivelazzjoni biex issiru tafuh." (x.1,17)

B'din l-affirmazzjoni tal-Fidi, tal-Imħabba tal-qalb, tal-Emozzjoni, tal-Fantasija, tat-Twemmin f'Ommu vera u simbolika tal-Knisja Kattolika, flimkien mar-rifjut totali tar-Razzjonaliżmu pur, inħoss li Dun Karm qed jagħti *risposta romantika* għall-problema tal-Jien u Lilhinn Minnu. Hawn Dun Karm igħaddi min-Neo-Klassiċiżmu tal-bidu tal-karriera poetika tiegħu għar-Romantiċiżmu ta' wara. Il-bniedem ma jgħix bil-moħħ biss iżda bil-qalb ukoll. Anzi naraħ li għalkemm Dun Karm fil-bidu jafferma bilanċ bejn it-tnejn, il-konklużjoni hi aktar romantika u Pascaljana milli Tomista.

Bħal Pascal donnu aktar iħossu milqut mill-*Credo ut intelligam* ta' Santu Wistin. Infatti jasal li jgħid f'għeluq il-poeżija li l-Jien hu Għajb.

"Issa mexxini Int, għax fik biss nagħraf
il-għajb tal-Jien u l-Ġmiel ta' Lilhinn Minnu."

---

JOSEPH VELLA B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., Ph. Lic. teaches Maltese at the Lyceum, Malta.